# In-Nefqa tal-Gvern fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali: Jannar-Diċembru tal-2023

**NR061/2024** **Data tal-Ħruġ: 8 ta' April 2024**

*Fl-2023, in-nefqa tal-Gvern fuq il-benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali telgħet b'€99.7 miljun meta mqabbla mal-2022.*




**In-nefqa tal-Gvern fuq il-benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali**

Bejn Jannar u Diċembru 2023, l-infiq kollu fuq il-benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali laħaq l-€1,308.2 miljuni, 8.3 fil-mija aktar mis-sena ta' qabel. Nefqiet ogħla kienu rreġistrati kemm fuq il-Benefiċċji Kontributorji (€72.7 miljun) u kemm fuq il-Benefiċċji Mhux Kontributorji (€27.0 miljun) (Tabella nru 1).

L-infiq tal-Gvern fuq il-Benefiċċji Kontributorji laħaq l-€1,038.7 miljun, li huwa żieda ta' 7.5 fil-mija fuq l-2022. Il-Pensjonijiet tal-Irtirar irreġistraw l-akbar żieda, li kienet ta' €44.5 miljun, bħala riżultat taż-żieda ta' 1,728 persuna li bdew jieħdu l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi. Aktar żidiet kienu rreġistrati fil-Bonus Kontributorju (€16.3-il miljun) u l-Pensjonijiet tar-Romol (€12.1-il miljun) (Tabella nru 2).

Fi tmiem Diċembru 2023, €269.5 miljun marru fuq il-Benefiċċji Mhux Kontributorji, żieda ta' 11.1 fil-mija meta mqabblin mas-sena ta' qabel. Iż-żidiet kienu rreġistrati fil-kategoriji kollha tal-benefiċċji, b'dawk ewlenin ikunu l-Allowance Tat-Tfal (€7.3 miljuni), l-Allowance Supplementari Sħiħa (€6.1 miljuni) u l-Għajnuna Soċjali Sħiħa (€3.7 miljuni) (Tabella nru 3).

Meta mqabbel mal-2022, €20.8 miljun aktar intefqu fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali bejn Ottubru u Diċembru 2023, fejn in-nefqa totali laħqet €327.7 miljun. In-nefqa Kontributorja telgħet bi €18.6-il miljun, bl-akbar żieda rreġistrata fil-Pensjonijiet tal-Irtirar (€12.4-il miljun) (Tabella nru 4). Barra minn dan, l-infiq fuq il-Benefiċċji Mhux Kontributorji żdied b'€2.3 miljuni, bl-akbar żidiet jidhru fl-Allowance tat-Tfal (€3.7 miljuni) (Tabella nru 5).

**Il-benefiċjarji tas-Sigurtà Soċjali**

Fl-2023, l-akbar għadd ta' benefiċjarji Kontributorji kien irreġistrat fil-Pensjoni taż-Żewġ Terzi (59,660). Dan il- benefiċċju rrapporta l-ogħla żieda fost il-benefiċjarji, b'1,728 pensjonant iżjed meta mqabbel mal-2022. Min-naħa l-oħra, l-akbar tnaqqis kien rreġistrat fin-numru ta' nies li rċevew il-Benefiċċju tal-Mard (5,693) (Tabella nru 2).

L-ogħla numru ta' benefiċjarji kien innotat taħt il-Benefiċċju għall-Ogħli tal-Ħajja fil-kategorija ta' benefiċċji mhux kontributorji, b'95,579 benefiċjarju sa tmiem l-2023. L-istess benefiċċju rreġistra l-akbar żieda fil-benefiċjarji b'54,801, filwaqt li l-akbar tnaqqis kien osservat fl-Allowance Supplementari (521) (Tabella nru 3).

Fl-aħħar kwart tal-2023, il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi (57,710) u l-Benefiċċju għall-Ogħli tal-Ħajja (92,109) kellhom l-akbar numru ta' benefiċċjarji Kontributorji u Mhux Kontributorji, rispettivament (Tabelli nri 4 u 5).

## Ċart nru 1. In-nefqa fuq il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali

Jannar-Diċembru f'miljuni tal-ewro




## Ċart nru 2. In-nefqa fuq il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali bil-funzjonijiet tal-ESSPROS[1]

### Benefiċċji Kontributorji

Jannar-Diċembru 2023




### Benefiċċji Mhux Kontributorji

Jannar-Diċembru 2023




1 Ara n-nota metodoloġika nru 5.